**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 018/2017**

**RE u SE (l-ilmentaturi)**

**vs**

***All Invest Company Ltd.* (C22239)**

**(il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tal-5 ta' Novembru 2018**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentaturi jsostnu li l-provditur tas-servizz investielhom hamest elef ewro fl-istrument finanzjarju *SNS Bank NV Bonds 6.25 2020* (l-*SNS*).

L-ilmentatur jghid li hu personalment gie mqarraq meta ffirma li hu kien investitur ta' esperjenza, meta gie mgieghel jiffirma dokumenti bl-Ingliz, meta huma ma kinux jifhmu bl-Ingliz, u dan id-dokument lanqas biss gie spjegat lilhom.

Jghidu illi huma qatt ma kellhom jigu investiti f'dan il-prodott ghax huma qaghdu fuq li qalilhom il-provditur tas-servizz, u imkien ma gie spjegat lilhom kif dan l-istrument finanzjarju kien tajjeb ghalihom.

Illi huma m'humiex nies ta' skola u qaghdu fuq Wallace Falzon u xtraw dan l-investiment biss ghax hu qalilhom li kien tajjeb ghalihom.

Qatt ma spjegalhom xi riskji marbuta ma' dan l-investiment.

Ihossuhom li gew ingannati bil-kbir u jippretendu flushom lura, l-ammont ta' €5,000, bl-imghax.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid:**

1. Illi preliminarjament, is-Sinjurija Tieghu l-Arbitru ma ghandux il-kompetenza taht il-ligi, partikolarment l-Artikoli 19(1) u 21(1) tal-Kap. 555, li jisma' l-ilment odjern kontra Wallace Falzon in kwantu l-eccepjenti proprio mhuwiex "*provditur tas-servizzi finanzjarji*" u l-ilmentatur mhuwiex "*klijent eligibbli*" fil-konfront tal-esponenti Wallace Falzon *proprio*;

2. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, in-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn l-ilmentatur u l-eccepjent Wallace Falzon. Wallace Falzon huwa direttur u ex-impjegat mas-socjetà eccepjenti *All Invest Company Ltd*., u ghaldaqstant Wallace Falzon ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-azzjoni odjerna hija preskritta *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-azzjoni odjerna hija perenta *ai termini* tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu jidher illi l-ilmentatur qed jilmenta illi gie ingannat u, ghaldaqstant, qieghed jigi inferit vizzju tal-kunsens meta l-ilmentatur ghazel li jinvesti fil-prodott *de quo*;

5. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-ilment odjern jidher illi huwa bbazat fuq allegazzjoni li l-ilmentatur ma giex infurmat illi l-kapital mhux garantit – intant li l-ilmentatur ma jsostnix illi huwa garrab xi telf - ma hux mifhum ghalhekk ezattament l-ilment x'inhu – haga li l-ilmentatur irid jiccara, u ghaldaqstant, l-eccepjenti jirriservaw minn issa illi jressqu eccezzjonijiet ulterjuri skont il-kaz kemm-il darba l-ilmentatur isostni li l-ilment tieghu huwa xi haga differenti mill-kwistjoni ta' tehid ta' kunsens;

6. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-eccepjenti m'ghandhomx u qatt ma kellhom ebda kontroll u lanqas ma jiggestixxu u qatt ma kienu jiggestixxu huma l-investiment *de quo* [*All Invest Company*

*Ltd.* hija biss intermedjarju], u ghaldaqstant ma jistghux jinzammu responsabbli ghal kwalunkwe telf li l-investiment seta' garrab;

7. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, in-nazzjonalizzazzjoni tal-*SNS NV Bank*, u/jew l-esproprju tal-investiment *de quo* bit-telf li dan gab mieghu ghandu jitqies bhala '*casus*';
8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Sema' lill-partijiet**

**Jikkonsidra**

**Eccezzjonijiet Preliminari**

Dwar l-ewwel eccezzjoni fejn jghid li l-Arbitru m'ghandux kompetenza li jisma' l-ilment in kwantu li Wallace Falzon m'huwiex '*provditur tas-servizz'* u l-ilmentaturi m'humiex '*klijenti eligibbli'* fil-konfront ta' Wallace Falzon, l-Arbitru jinnota li jidher car li l-ilment sar kontra *All Invest Company Ltd.*[1] u mhux kontra Wallace Falzon, u mid-dokumenti esebiti jidher car li huwa kien qed jagixxi f'isem *All Invest Company Ltd.* u, ghalhekk, qed jigi deciz li m'ghandux iwiegeb personalment; imma fil-konfront ta' *All Invest Company Ltd.* din kienet kumpanija licenzjata mill-*MFSA* u l-ilmentaturi huma klijenti eligibbli skont il-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta u, ghalhekk, hija *All Invest Company Ltd.* biss li ghandha twiegeb. Ghalhekk din l-eccezzjoni hija ezawrita.

L-istess jista' jinghad ghat-tieni eccezzjoni.

**Eccezzjonijiet dwar Preskrizzjoni**

Il-provditur tas-servizz qed jecepixxi l-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikoli 1222(1) u 2153 tal-Kodici Civili.

---

[1] A fol. 6.

L-Artikolu 1222(1) huwa bazikament immirat ghal meta ssir azzjoni ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjoni.

Dwar il-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 1222(1) tal-Kodici Civili, il-ligi tipprovdi li:

*'L-azzjoni ghal rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, ghemil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età', taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn (2). Dan jghodd ukoll ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza".*

Din il-preskrizzjoni ma tapplikax ghal dan il-kaz ghaliex mhix tintalab rexxissjoni ta' obbligazzjoni u, ghalhekk, qed tigi michuda..

L-eccezzjoni l-ohra hija bbazata fuq il-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16.

Il-Qrati taghna irritenew li din il-preskrizzjoni tapplika biss fejn hemm htija akwiljana indipendenti mit-twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali:

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '***Improved Design Limited vs Dr. Michael Gialanze'***,[2] il-Qorti spjegat:

*'Illi ghall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-ligi taghraf tliet ghamliet ta' azzjoni ghad-danni, u jigifieri: (a) azzjoni dwar hsarat imnissla minn ghamil li jikkostitwixxi reat, f'liema kaz, iz-zmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-ligi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni ghall-hsarat imnisslin minn delitt jew kwazi-delitt (l-hekk imsejha culpa aquiliana), f'liema kaz il-preskrizzjoni hija ta' sentejn (principju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili); u (c) azzjoni ghall-hsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' obbligazzjoni li mhix imfissra f'att pubbliku, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' hames (5) snin …….*

*Illi l-fattur li jsejjes il-htija akwiljana (jew dik li titnissel barra r-rabta kuntrattwali) huwa dak li l-persuna hija obbligata li, f'ghamilha, ma tikkawzax hsara jew dannu lil haddiehor taht il-principju tan-neminem laedere……….*

*Illi huwa maghruf ukoll li mhux kull hsara li tiggarrab waqt jew minhabba l-mod kif ikun twettaq kuntratt twassal ghall-htija kuntrattwali. Jista' jkun li nuqqas*

---

[2] Deciza fid-19 ta' Mejju 2005

*jaghti lok xorta wahda ghal htija akwiljana, minkejja li jkun sehh waqt u bis-sahha ta' rabta kuntrattwali.*

*Ghalhekk, biex hsara mgarrba waqt it-twettiq ta' kuntratt titqies li hija akwiljana u mhux kuntrattwali,* ***jehtieg jintwera li tali hsara ma jkollha x'taqsam xejn mar-relazzjoni kuntrattwali ezistenti bejn il-partijiet.***[3]

*Illi, ghalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, minbarra li ma tapplikax ghall-hsara mahluqa minn ghamil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata hsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali jew obbligazzjoni li tixbahha.'*

Fil-kaz odjern, il-provditur tas-servizz biegh prodotti finanzjarji u dahal f'rabta kuntrattwali mal-ilmentaturi kif jirrizulta mill-*Purchase Contract Note*,[4] mill-ircevuta,[5] dokumenti ohra bhall-*File Note,*[6] liema kuntratt huwa ta' natura specjali peress li min bieghu huwa *Licence Holde*r tal-*MFSA* u, ghalhekk, japplikaw ghalih regolamenti specjali kif ser jintqal aktar 'il quddiem f'din id-decizjoni.

Kif gie deciz ricentement mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[7] ghal kazi bhal dak odjern, ma tistax tapplika l-preskrizzjoni ibbazata fuq *culpa aquiliana* imma tapplika l-preskrizzjoni fejn hemm tnissil minn obbligazzjoni kuntrattwali jew kif iddecidiet il-Prim-Awla tal-Qorti Civili[8] '*wahda li tixbahha'*.

Barra minn hekk, ma ngabet l-ebda prova mill-provditur tas-servizz dwar dawn l-eccezzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi l-eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni qed jigu michuda.

---

[3] *Bold* tal-Arbitru
[4] A fol. 13
[5] A fol. 12
[6] A fol. 16
[7] *Roland Darmanin Kissaun vs GlobalCapital Financial Management Ltd.,* PA, 1/06/2017
[8] '*Improved Design Limited vs Dr. Michael Gialanze'*, deciza fid-19 ta' Mejju 2005

**Fil-Mertu**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi dan il-kaz skont dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.**[9]

L-ilmentaturi jsostnu li fuq parir tal-provditur tas-servizz huma investew is-somma ta' €5,000, fl-*SNS Bank NV (SNS)* fit-3 t'Ottubru 2011.[10]

**Il-Verzjoni tal-Ilmentaturi**

Fix-xhieda taghha, **l-ilmentatrici** tghid li xi hadd qalilhom bl-*All Invest Company Ltd*., u kellhom xi haga tal-flus u riedu jinvestuha. Kellhom is-somma ta' hamest elef ewro. Wallace Falzon qalilhom li kien hemm skema ta' investiment. Huma ma kinux nies ta' skola. L-ewwel poggielhom din is-somma f'xi prodott, izda wara ftit xhur qalilhom li ma kinux sejrin tajjeb u, peress li huma ma kinux jifhmu, poggihomlhom fl-*SNS*.

Dwar l-*SNS* ma ssemmiex riskju u qalilhom li l-kapital jista' jizdied. Qatt ma qalilhom li jistghu jitilfu l-flus. L-imghax kellu jizdied ma' dan l-investiment u ma qalilhomx x'kienet l-*SNS* u ma kinux jafu x'inhi. Urihom karti bl-Ingliz li, peress li ghamlet biss sas-sekondarja u ma tantx kienet '*brava*', ma setghetx tifhimhom. Hafna mill-karti kien jaqrahom hu u jaghmel *very goods*; imbaghad, kien jghidilha '*Iffirmali hawn, iffirmali hawn'*. Meta kien jaqra bl-Ingliz hi ma kinetx tifhem. Peress li hu kien jifhem fl-investimenti, hi kienet tafda fih u kienet tahseb li mhux ser jittradihom. Qabel kien investielhom xi flus fl-*ARM*, però, kienu hadu kollox meta dan waqaf. Il-flus li investew fl-*SNS* kienu f'xi kont il-bank.

Dak iz-zmien tal-investiment kienet mara tad-dar. Meta qalilhom biex jinvestu fl-*SNS*, Wallace Falzon kien mar id-dar taghhom u qalilhom biex jinvestu f'dan il-prodott.

Hija kellha wkoll investiment fl-*MSV*.

Il-prodott *SNS,* Wallace Falzon, ipprezentahulhom bhala prodott sabih. Meta kienu jistaqsuh jekk flushom kinux fis-sod kien jghidilhom li hu kapital tajjeb. Huma ma tantx kienu jistaqsu mistoqsijiet ghaliex ma kinux jifhmu u certi

---

[9] Kap. 555, Art 19(3) b)

[10] A fol. 13. *Settlement date* 25 ta' Novembru 2011

mistoqsijiet lanqas biss kienu jiguhom f'mohhhom. Kien jafdaw f'Wallace Falzon. Kien hu li ssuggerielhom l-*SNS* u ma ssuggerielhom l-ebda prodott iehor.[11]

**L-ilmentatur** jixhed[12] li kien jaqbel ma' dak li kienet xehdet martu u kien ikun maghha meta kienu jitkellmu ma' Wallace Falzon. Hu kien ihajjarhom peress li l-imghax li kien joffrilhom kien oghla minn tal-bank. Il-€5,000 li nvestew fl-*SNS* kienu f'kont tal-bank. L-ilmentatur attenda biss skola primarja u dak iz-zmien tal-investiment kien *storekeeper*. Ma kienx jifhem fl-investimenti u, peress li l-provditur tas-servizz kien offrielhom l-affarijiet b'mod sabih u kien jaf jitkellem fuq dawn l-affarijiet, huma fdawh.

**Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz**

Wallace Falzon, ghall-provditur tas-servizz, xehed li l-ilmentaturi kien ghamlu mieghu investimenti fl-*ARM* u wkoll fis-*Secure Capital SA.* Saru jafu li dan il-prodott kien sejjer hazin fl-2011 u, peress li l-kumpanija *All Invest Company Ltd.* riedet li kemm jista' jkun l-ilmentaturi u ohrajn ma jkollhomx telf kbir, ikkuntattjaw lil *Sparkasse Bank* sabiex jipprovdulhom lista ta' *Bonds* biex dawn il-klijenti jkunu jistghu jidhlu *under par* bi 30% u, ghalhekk, ma jitilfux flus. *Sparkasse Bank* issuggerewlhom l-*SNS* u l-*RBS*.

Skont ix-xhud, l-ilmentaturi kellhom ukoll l-ghazla li jhallu flushom fis-*Secure Capital* ghalkemm setghu jitilfu flus sew minnu u huma ghazlu li jinvestu fl-*SNS*. Il-bejgh kien deskritt bhala '*promote and sell'* ghaliex kienu l-ilmentaturi li ghazlu l-prodott tal-*SNS* minn rajhom, u wara li kien spjegalhom il-karatteristici u r-riskji

assocjati mieghu, fosthom, li setghu jitilfu flushom. Jghid li anke hu kellu flus f'dan l-investiment *SNS* li kellu *rating* ta' BBB fil-mument tal-bejgh u kien jitqies bank sod f'pajjiz membru tal-UE, u kien ghadda minn EU *stress test* f'Gunju 2012. Hadd ma basar li dan il-bank kien ser jigi nazzjonalizzat minghajr ma jinghata kumpens.

[11] A fol. 50-52

[12] A fol. 52

**Il-Prodott *SNS***

In-*Notes* ***6.25% SNS Bank NV 2010-2020*** (*ISIN: XS0552743048*) (*SNS*) inhargu minn *SNS Bank N.V.* fis-26 ta' Ottubru 2010, b'data tal-maturità 26 ta' Ottubru 2020. Il-kupun kien 6.25% fis-sena. Kellhom *status* ta' *Tier 2 Subordinated*.

L-*SNS Reaal* hija l-*holding company* ta' *SNS Bank* u kumpanija tal-assikurazzjoni *REAAL N.V.* Il-pozizzjoni finanzjarja ta' *SNS REAAL* iddeterjorat matul is-snin b'mod partikolari minhabba l-attività diretta fil-proprjetà minn *SNS Property Finance* li *SNS Bank* kien xtara fis-sena 2005.

Id-diprezzament tal-valur tal-portafoll ta' din is-sussisdjarja wassal biex *SNS* jigi nazzjonalizzat fl-1 ta' Frar 2013, b'digriet mill-istat Olandiz.

**Fuq perjodu ta' tliet snin qabel ma kien nazzjonalizzat, l-operat u s-sitwazzjoni finanzjarja ta' *SNS Bank* kienu taht skrutinju minn diversi *rating agencies*. Minn zmien ghal zmien, uhud minn dawn l-agenziji ikkummentaw ta' spiss dwar il-qaghda tal-bank u sahansitra baxxew ir-*ratings* fuq il-bank u l-*bonds* mahruga minnu.**

**Kienu wkoll qed ibassru li *subordinated bonds* – li l-banek johorgu biex isostnu l-livelli tal-kapital taghhom - jistghu ma jkollhom lil hadd min isostnihom f'kaz li l-bank li jkun qed johrog il-*bond* ma jasalx biex ihallas. *Subordinated bonds* jigu minn tal-ahhar fir-*ranking* f'kaz ta' likwidazzjoni. Infatti, fil-lista ta' kredituri, jirrenkjaw wara l-gvern u *senior creditors*. Il-fatt li dawn il-*bonds* huma *subordinated* ifisser li huma ta' riskju u mhux tajbin ghal kull investitur. Ir-riskji kienu reali u mhux fuq il-karta biss.**

Il-fatt li *SNS Bank* kien *a systemically important bank* fl-Olanda ma kienx ifisser li akkost ta' kollox l-istat kien ser jerga' jaghti sostenn finanzjarju lill-bank wara dak li ghamel fis-sena 2008.

Fil-mument li l-bank gie nazzjonalizzat, l-istat kien ghadu ma thallasx kollox minn *SNS* fir-rigward ta' din l-ghajnuna finanzjarja li inghata.

Apparti dan, il-fatt li kien digà wiezen lil *SNS* b'sostenn finanzjarju, kien digà indikazzjoni tal-istat finanzjarju tal-bank. Tant hu hekk, li f'nofs is-sena 2012, il-bank kien habbar li kien qed jesplora possibiltajiet biex isahhah il-pozizzjoni tal-kapital tieghu. Anke f'nofs dik l-istess sena, l-istat Olandiz introduca ligi gdida

b'aktar ghodda biex ikun jista' jimmanuvra istituzzjonijiet finanzjarji bi problemi. Huwa veru li hadd ma kien qed ibassar li l-istat kien ser juza din il-ligi ghall-ewwel darba fir-rigward tal-*SNS,* jew inkella jivvaluta ghal zero l-ishma u l-*bonds subordinated* tal-bank.

Imma l-bank kien digà kellu problemi serji qabel ma sar l-investiment fih minn *All Invest Company Ltd.* ghall-ilmentaturi. *Subordinated bond* huwa dejjem meqjus bhala investiment riskjuz.

**Jekk l-*SNS* kienx '*suitable*' jew '*appropriate*' u kellux jinbiegh lill-Ilmentaturi**

Qabel xejn, l-Arbitru jrid janalizza dak li qal Wallace Falzon li dan il-prodott inbiegh a bazi tas-servizz *'promote and sell'* li, skont hu, dan sar ghaliex kienu l-ilmentaturi stess li kienu ghazluh wara li spjegahulhom.

L-Arbitru ma jistax jara kif il-provditur tas-servizz seta' jbiegh dan il-prodott bi '*promote and sell'* meta wiehed iqis li l-ilmentaturi kienu nies ta' ftit skola, ma kinux jifhmu fl-investimenti u, kif iddikjaraw bil-gurament taghhom, li huma kienu jiddependu totalment fuq l-istess Wallace Falzon li kien l-espert f'din it-tranzazzjoni. Il-fatt li hu stess kien bieghilhom l-*ARM* (li mar hazin), u kif jghid hu stess is-*Secure Capital SA* (li wkoll mar hazin), m'ghamilx lill-ilmentaturi nies li jifhmu fl-investimenti finanzjarji galadarba, kif xehedu huma stess, lanqas kienu jafu jaqraw u jifhmu bl-Ingliz u kienu jhallu kollox f'idejh.

Il-verzjoni li ta Wallace Falzon fl-*affidavit* tieghu, u anke kif konfrontata ma' dak li xehed waqt il-kontroezami, hija nieqsa mill-kredibilità ghal diversi ragunijiet. Huwa jghid li spjega l-prodott *SNS,* izda meta xehed fil-kontroezami jghid li spjegalhom dan il-prodott billi:

'*Però kont niddiskrevih bhala "junior bond", li ghandu rata tajba ghax qieghed "under par"u hu "rated bond" li ghadda mill-"istress test" tal-Unjoni Ewropea u compared mal-istess rating tal Bank of Valletta.'*[13]

L-Arbitru ghandu dubju serju kemm l-ilmentaturi bil-livell ta' edukazzjoni li kellhom kemm setghu jifhmu dak li kien qed jghidilhom.

---

[13] A fol. 57

Kif ingħad, l-Arbitru ma jqisx li dan il-prodott kellu jinbiegħ a bazi ta' '*promote and sell'* kif jgħid li għamel il-provditur tas-servizz, imma anke kieku kellu jitqies hekk, skont ir-regoli[14] vigenti dak iż-żmien għal-*Licence Holders* tal-*MFSA* kellu jagħmel dak li jissejjaħ '*appropriateness test'* tal-ilmentaturi.

Skont regola 2.21, dan it-*test* kellu jindika:

'*When assessing whether an Investment Service, other than investment advice or portfolio management, is appropriate for a client, the Licence Holder shall be required to determine whether that client has the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in relation to the product or Investment Service offered or demanded.'*

Imbagħad, regola 2.22 kienet tipprovdi li:

*'Information regarding the client's or potential client's knowledge and experience in the investment field includes the following, to the extent appropriate to the nature of the client, the nature and extent of the service to be provided and the type of product or transaction envisaged, including their complexity and the risks involved:*

*a. the types of service, transaction and Instrument with which the client is familiar;*

*b. the nature, volume, frequency of the client's transactions in Instruments and the period over which they have been carried out;*

*c. the level of education, profession or relevant former profession of the client or potential client.'*

L-ewwel kriterju li kellu jintlaħaq kien jekk l-ilmentaturi kellhomx '*the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved*...' Il-fatt li l-provditur tas-servizz *de quo* kien hu stess li offrielhom żewġ prodotti oħra qabel l-*SNS* u li, kif xehedu l-ilmentaturi, kienu fdaw kompletament f'idejh għaliex huma ma kinux jifhmu fil-qasam tal-investimenti, ma tahomx dik l-esperjenza u *'knowledge'* biex setgħu jifhmu r-riskji tal-*SNS* meta anke ż-żewġ prodotti li

[14] *Investment Services Rules for Investment Services Providers: Part B: Standard Licence Conditions* (*SLC*)

semma l-provditur tas-servizz ma kinux l-istess bhall-*SNS* u kienu sajmin ghal kollox minn dak li kien qed jolqothom.

Kif xehdet l-ilmentatrici nnifisha, ma kinetx taf xi tfisser '*subordinated bond'*, u l-Arbitru huwa moralment konvint li l-provditur tas-servizz ma spjegax b'mod li setghu jifhmuh l-ilmentaturi x'riskju kien igorr mieghu dan il-prodott.

Jekk kellu jitqies il-volum ta' investimenti li kellhom l-ilmentaturi ma jistax jitqies li kellhom xi volum kbir ta' investimenti li seta' jaghtihom dak it-taghrif biex jiehdu decizjoni infurmata x'riskji ghandhom *subordinated bonds* bhall-*SNS.*

Il-kriterju l-iehor kien dak tal-livell ta' edukazzjoni li kellhom l-ilmentaturi u l-professjoni taghhom. L-ilmentatrici ghamlet skola sas-sekondarja u, kif stqarret hi, ma tantx kienet tajba fl-iskola filwaqt li l-ilmentatur kellu biss skola primarja u kien jahdem ta' *storekeeper.*

Ghalhekk ma jistax jinghad li, skont dak li kienu jipprovdu r-regoli tal-*MFSA* mahruga skont id-Direttiva *MiFID,* l-*SNS* kien *appropriate* ghall-ilmentaturi u, ghalhekk, il-provditur tas-servizz kellu javzahom li dan il-prodott ma kienx addattat ghalihom.

Minflok, huwa qalilhom li kien prodott tajjeb ghalihom u li l-kapital li kienu ser jinvestu kien ser ikun fis-sod. Mill-analizi tal-prodott imsemmija aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, jirrizulta li l-*SNS* kien ha *bailout* kbira mill-Gvern Olandiz u l-fatt li l-ilmentaturi kienu se jigu kklassifikati fost tal-ahhar f'kaz ta' falliment, kien jaghmel il-prodott ferm aktar riskjuz minn dak li kienu jifilhu ghalih l-ilmentaturi.

Bejn l-ilmentaturi u l-provditur tas-servizz kienet tezisti relazzjoni fiducjarja u ma jitqiesx li l-provditur tas-servizz mexa ta' missier tajjeb tal-familja meta bieghilhom dan il-prodott.

Jirrizulta wkoll li dan il-prodott ma kienx jilhaq l-aspirazzjonijiet ragonevoli u legittimi tal-ilmentaturi fil-mument li investew ghaliex huma xtaqu investiment li kien jipprotegilhom flushom u lilhom inghatatilhom l-impressjoni li l-kapital kien ser ikun protett u gew imhajra jinvestu fih ghaliex il-provditur tas-servizz enfasizza l-element tal-interessi u mminimalizza l-element tar-riskju abbinat ma' dan il-prodott.

**Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru jiddeciedi li l-ilment huwa wiehed ekwu, gust u ragonevoli u qed jilqghu sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

**L-ilmentaturi investew is-somma ta' hamest elef ewro (€5,000).**

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *All Invest Company Ltd.* thallas lill-ilmentaturi s-somma ta' hamest elef ewro (€5,000).**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez tal-kaz huma ghall-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**